**L-Istrina 2010**

Il-Malta Community Chest Fund (MCCF) qed jilqa' applikazzjonijiet mingħand għaqdiet u istituzzjonijiet (u mhux individwi) biex jibbenefikaw mill-fondi li ser jinġabru waqt il-programm televiżiv 'L-Istrina 2010' u attivitajiet oħra li jiġu organizzati mill-MCCF.

Id-deċiżjoni dwar jekk għaqda tikkwalifikax jew tibbenefikax, u jekk iva , kemm tibbenefika, hija biss deċiżjoni tal-Bord tal-MCCF (il-Bord). Id-deċiżjoni tal-Bord tkun finali u mhix appellabbli.

**Kriterji u Kundizzjonijiet**

Il-kriterji u kundizzjonijiet li fuqhom l-applikazzjonijiet minn Għaqdiet (il-kelma 'Għaqda' u 'Għaqdiet' tinkludi istituzzjonji/istituzzjonijiet) ser jiġu kkunsidrati huma dawn li ġejjin:

1. L-għaqda trid tkun preferibbilment irreġistrata mal-Kummissarju tal-Għaqdiet Volontarji skont il-liġi tal-Għaqdiet Volontarji, 2007;

2. Il-proġett li għalih tkun intalbet l-għajnuna ma jridx ikun jagħmel tajjeb għall-ispejjeż rikorrenti tal-għaqda. Il-proġett irid ikun '*Project based'*. L-għajnuna trid tintalab qabel jibda l-Proġett;

3. Għaqda trid turi b'mod ċar fl-applikazzjoni li l-proġett li għalih qed tiġi mitluba l-għajnuna irid ikun sostenibbli. Mhux ser jiġu kkunsidrati applikazzjonijiet għal proġetti li għas-snin ta' wara ikun jidher ċar li ser tiġi mitluba għajnuna biex tkopri l-ispejjeż ta' natura rikorrenti (*recurrent expenditure*) biex il-proġett ikun jista' jitkompla;

4. L-istrutturi tat-tmexxija tal-għaqda jridu jkunu tali li jiggarantixxu l-kontinwità tal-għaqda. It-trasparenza, l-*Audited accounts* u *cashflow projections*, flimkien ma' kull *feasibility study/analysis* jgħinu fl-evalwazzjoni tal-għażla;

5. Il-Bord ser jagħmel il-moniteraġġ biex jassigura li l-proġett ikun gie mwettaq skont il-kriterji u l-kundizzjonijiet li għalihom ġiet mogħtija l-għajnuna flimkien maż-żmien li jrid jitwettaq il-proġett. F'każ li jirriżulta li dan ma jkunx seħħ, l-għaqda tista' tiġi skwalifikata milli tibbenefika minn xi għajnuna fil-futur u dan minbarra passi oħra li l-Bord jidhirlu xieraq li jieħu;

6. Applikazzjoni għall-proġett komuni bejn żewġ għaqdiet jew aktar tiġi nkoraġġita u jiġi muri li dan hu ta' benefiċċju għall-klijenti tal-għaqdiet kollha kkonċernati u tal-għaqdiet infushom;

7. Għaqda trid tiddikjara kull assistenza li qiegħda tirċievi/tkun ser tirċievi sabiex jitwettaq il-proġett sottomess għall-konsiderazzjoni ta' dan il-Bord.

8. Wara riċerka li saret minn bord maħtur għal dan il-għan mill-Malta Community Chest Fund, l-għaqdiet/organizzazzjonijiet qegħdin jiġu mħeġġa sabiex fejn ikun possibbli jikkunsidraw li jissottomettu u jimplimentaw proġetti ffokati u anki dawk pilota sabiex jindirizzaw is-setturi segwenti li jikkonċernaw '***Żgħażagħ***':

a. Żgħażagħ b'diffikultajiet soċjali, emozzjonali u ta' mġiba li jkunu qed jidhru quddiem il-Qorti għall-Minorenni fejn il-ħtieġa ta' servizzi ta' appoġġ huwa l-aktar meħtieġ;
b. Żgħażagħ li jkunu ġew stuprati;
c. Żgħażagħ li jieħdu ħsieb lil xi membru tal-familja bi problemi ta' saħħa mentali, diżabilità jew bi problemi ta' mard kroniku ieħor;
d. Żgħażagħ li ġejjin minn familji bi dħul tagħhom baxx u/jew familji dipendenti fuq benefiċċji ta' għajnuna soċjali li jkunu jistgħu jibbenefikaw minn miżuri kreattivi u preventivi;
e. Żgħażagħ b'diffikultajiet soċjali minħabba ambjent soċjoekonomiku li trabbew fih;
f. Żgħażagħ li jghixu f'istituzzjoni u li għandhom nuqqas serju ta' edukazzjoni liema nuqqas hemm bżonn li jimtela.

Data tal-għeluq: 13 ta' Ottubru 2010 f' nofsinhar.